# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2017**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 364/2016/LSO**

**Edabou Khalfalla Bensharrada Omar (KI-0126062A) u Ayada Jalouta Omar Abulgasem (KI-0102796A) konjugi, f' isimhom propju u fl-interess tat-tfal minuri taghhom Aysha u Nourhan Bensharrada Omar, ghan-nom u in raprezentanza ta' l-istess.**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta' Edabou Khalfalla Bensharrada Omar detentur tal-Karta ta' l-Identita` **0126062A** u martu Ayada Jalouta Omar Abdulgasem detentrici tal-Karta ta' l-Identita` **0102796A** f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tat-tfal minuri taghhom Aysha u Nourhan Bensharrada Omar datat 6 ta' Mejju 2016 fejn **Ayada Jalouta Omar Abulgasem** (KI-0102796A) esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha iddikjarat:

Illi r-rikorrenti minuri Aysha Bensharrada Omar u Nourhan Bensharrada Omar twieldu f' Tas-Sliema, fis-sebgha ta' April elfejn u tlettax (2013) u fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) rispettivament lil Edabou Khalfalla Bensharrada Omar imwieled Sabha, Libya u lil martu Ayada Jalouta Omar Abdulgasem, imwielda f' Tripoli, Libya, u illum residenti f' Malta, kopji ta' l-Atti tat-Twelid tat-tfal ennumerati bin-numri 1716/2013 u 2339/2014 mahrugin mir-Registratur Pubbliku, anness u immarkati bhala Dok A u Dok B.

Illi fl-ahhar kollonna fl-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti minuri, fejn jigi rregisrat l-'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija

ghandha tigi msejha', ir-rikorrent missier Edabou Khalfalla Bensharrada Omar erronjament kiteb kunjom it-tfal bhala Bensharrada Omar minflokk Khalfalla, li jigi l-isem ta' missieru u dan minhabba nuqqas tat-tgharif tal-lingwa Ingliza waqt li kien qed jimla l-formola ghall-hrug taccertifikat tat-twelid fir-Registru Publiku.

Illi dan l-izball gie rrepetut anke fil-karta ta' l-identita' mahruga mill-Kummissarju tar-Refugjati (*Refcom Card*) tattifla minuri Nourhan u sussegwament fl-applikazzjoni tarresidenza taghha wkoll annessi bhala Dok C u Dok D respettivament.

Illi madanakollu, fuq il-passaport tar-rikorrent anness u mmarkat bhala Dok E, l-istess kunjom tar-rikorrent Edabou Khalfalla jidher bhala Bensharrada Omar Edabou Khalfalla.

Illi fuq il-passaport Libyan ta' omm it-tfal, Ayada Jalouta Omar Abdulgasem, fejn huma rregistrati t-tfal ukoll, annessa bhala Dok F, l-ismijiet tat-tfal huma miktubin korrettament bhala Aysha Khalfalla u Nourhan Khalfalla.

Illi dan kollu jidher u huwa evidenti mill-Att tat-Twelid ta' huhom Omar Khalfalla anness bhala Dok G li gie rregistrat korretament u minn diversi dokumenti ufficjali ohrajn annessi fosthom dokumenti ufficjali bhal ma' huma r-REFCOM Cards tal-bqija tal-familja anness bhala DOK H.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, r-rikorrenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-kunjom tar-rikorrenti minuri Aysha u Nourhan hu dak ta' Khalfalla u mhux Bensherrada Omar u allura jridu jigu Aysha Khalfalla u Nourhan Khalfalla rispettivament.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaffetwa l-korrezzjoni relattiva dwar il-kunjom tar-rikorrenti minuri fic-Certifikat tat-Twelid rispettivi taghhom sabiex fl-ispazju fuq ic-certifikat fejn jitnizzlu 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jithalla l-ismijiet relattivi tat-tfal imma jinbidlu l-kunjom minn Bensherrada Omar ghal Khalfalla.

3. Tordna is-sussegwentement hrug ta' Certifikati tat-Twelid godda ghaz-zewgt itfal minuri li jirriflettu dan t-tibdil.

4. Tordna s-sussegwentement korrezzjoni u hrug tar-REFCOM Card (20028) u l-Karta ta' l-identita` (0120875A) godda ghat-tifla minuri Nourhan li jireflettu l-isem korrett ta’ Nourhan Khalfalla *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kodici Civili, filwaqt illi taghti kwalunkwe direttivi u struzzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Lulju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 8 ta’ Gunju 2016 (fol 22) fejn Dr Byron

Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-anqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li fil-punt tar-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri, id-dikjarant fuq l-att tat-twelid kien missierhom Edabou Khalfalla Bensharrada Omar hekk kif jidher mill-atti tat-twelid li gew esebiti mir-rikorrenti istess. Il-procedura tad-dipartiment hija tali li wara li l-att jigi miktub dan jigi mghoddi lid-dikjarant fuq l-att tat-twelid sabiex jikkonferma d-dettalji mbaghad jiffirma l-att. Peress li l-att gie ffirmat dan huwa sinjal car li r-rikorrenti kien qieghed jaccetta l-informazzjoni li tnizzlet bhala korretta. Jigi rilevat ukoll li fuq id-dikjarazzjonijiet maghmula minnhom bhala genituri *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16, esebiti u mmarkati bhala Dok DRP 1 u Dok DRP 2, il-kunjom li huma riedu li l-minuri jassumu jidher b'mod car li hu **"Bensharrada Omar".** Huma ffirmaw tali dikjarazzjonijiet liema firma tfisser li accettaw li l-informazzjoni kif inserita hija wahda korretta. Min imkien ma jirrizulta li fil-punt tar-registrazzjoni l-missier iddikjara li kunjomu kien "Khalfalla".

3. Illi l-esponent jirrileva wkoll li r-rikorrenti esebew dokumenti konfliggenti biex jippruvaw il-kaz taghhom. Dan qed jinghad ghaliex skont id-dokument immarkat fir-rikors promotur bhala Dok E, li huwa l-passaport Libyan tal-

missier, fil-parti fejn hemm it-traduzzjoni bl-Ingliz kunjom il-missier tnizzel bhala "Bensharrada Omar" filwaqt li "Khalfalla" qieghed fil-parti fejn hemm ismu.

4. Illi galadarba huwa evidenti li ma sar l-ebda zball li jrid jigi kkoregut min-naha tal-esponent isegwi li t-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha.

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hu m'ghandux jigi assoggettat l-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tat-TIieta, 20 ta' Gunju 2017, fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, li qablu li l-kawza tista' tibqa' differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza li qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubbblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fis-17 ta' Mejju 2016 (fol 20-21) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-att tat-twelid ta' uliedhom minuri Aysha u Nourhan jigi korrett fis-sens, li l-kunjom "Bensherrada Omar" jigi istitwit bil-kunjom "Khalfalla".

Illi gie allegat fir-rikors promotur, li l-kunjom tal-ulied minuri Aysha u Nourhan, gie registrat bi zball da parti ta' missierhom minhabba nuqqas ta' taghrif tal-lingwa Ingliza, waqt li kien qed jimla l-formola ghall-hrug tal-att tat-twelid fir-Registru Pubbliku. Permezz tat-tieni eccezzjoni, d-Direttur intimat issolleva li dak registrat fl-att tat-twelid tal-minuri Aysha u Nourhan gie accettat mir-rikorrenti b'riferenza ghad-dikjarazzjoni tal-genituri, debitament iffirmata, *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16, esebiti bhala Dok DRP1 u DRP 2 (fol 25-26).

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuni kkoncernati. Illi r-rikorrenti esebew mar-rikors

promotur, kopja tal-passaport Libjan ta' missier il-minuri Dok E (fol 8), u l-att tat-twelid ta' hu r-rikorrenti minuri Omar Khalfalla, Dok G (fol 11).

Illi d-direttur intimat issolleva l-punt fit-tielet eccezzjoni, li r-rikorrenti esebew dokumenti kunfliggjenti mar-rikors promotur, u dan specifikatament fejn f' Dok E, il-passaport Libjan tal-missier, fit-traduzzjoni bl-Ingliz, kunjom il-missier tnizzel bhala "Bensharrada Omar" u fil-parti tal-isem hemm "Khalfalla".

Illi fil-mori tal-proceduri, r-rikorrenti talbu aktar zmien sabiex ikunu jistghu jipproducu l-original tal-att tat-twelid tal-missier, u traduzzjoni annessa, esebiti a fol 43 u 44 tal-process, fejn jirrizulta li kunjomu hu "Khalfalla" u "Bensharrada Omar" huma l-isem ta' missier u tan-nannu patern tar-rikorrent billi isem ir-rikorrent huwa Edabou u l-kunjom huwa Khalfalla Al-Naddab.

Inoltre`, r-rikorrenti xehdu permezz ta' affidavit fejn Ayada Jalouta Omar Abulgasem ikkonfermat, li gew Malta 2012, u meta r-ragel taghha mar biex jirregistra l-ulied li twieldu hawn Malta fl-2013 u fl-2014, kunjomhom gie registrat hazin peress li r-ragel ma kienx jaf il-lingwa Ingliza, b'hekk dahhal dettalji hziena fil-formola. Edabou Khalfalla Bensharrada Omar ikkonferma fl-affidavit tieghu, li meta mar biex jirregistra t-tfal, minflok nizzel il-kunjom tat-tifla, nizzel kunjomu bi zball, u b'hekk minhabba s-sistema tal-kunjomijiet fil-Libja gew meqjusin qishom hutu u mhux uliedu, u dan sar ghaliex hu nizzel informazzjoni hazina fil-

formola tar-registrazzjoni. Dan l-izball li ghamel da parti tieghu gie wkoll rifless meta applikaw ghal stat ta' refugjat fil-karta tal-identita u r-REFCOM card, ghalhekk qed jipprocedu b'dan il-kaz ghall-korrezzjoni.

Fid-dawl tad-dokumenti u affidavits, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw li l-kunjom tal-missier hu "Khalfalla" ghalhekk, it-talba taghhom hija gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, kif registrat. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Referibbilment ghar-raba' talba tar-rikorrenti, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-Agenzija li temani l-l-karti tal-identita` u l-hrug tad-dokumenti REFCOM mhijiex parti minn dawn il-proceduri. Izda, din il-Qorti tifhem li ghandhom jigu adottati l-konottati kif imnizzla u korretti fl-att tat-twelid tal-minuri Aysha u Nourhan.

Ghaldaqstant, tastjeni milli tiehu konjizjoni tar-raba' talba.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tilqa' l-ewwel tlett talbiet tar-rikorrenti, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-atti tat-twelid numri 1716 tal-2013, u numru 2339 tas-sena 2014 tal-minuri

Aysha u Nourhan fis-sens li l-kunjom hemm indikat bhala "Bensherrada Omar" jigi sostitwit bil-kunjom "Khalfalla".

Tordna li d-Direttur tar-Registru pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Ottubru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2017**